MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 33/2011

**Lay Lay Company Limited**

**vs**

**L-Ghajn Construction Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ ritrattazzjoni tas-socjeta Lay Lay Company Limited mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-istess ismijiet deciz fit-28 ta’ Gunju 2011 fejn l-istess socjeta talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija a bazi tal-arikoli 811(d), (e), (f), (g) u (l) tal-Kapitolu 12 u tghaddi biex tordna r-ritrattazzjoni tal-istess appell u b’hekk tghaddi finalment sabiex tikkonfera l-lodo arbitrali bejn il-partijiet deciz fit-30 ta’ Awwissu 2010 li kien ta’ lok ghall-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Inferjuri;

Rat ir-risposta tas-socjeta L-Ghajn Construction Company Limited li opponiet ghal din it-talba billi l-aggravji ma jikkonfigurawx fil-ligi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti ser taghmel riassunt qasir ta' dak li wassal ghal dan ir-rikors.

Illi s-socjeta Lay Lay Company Limited u L-Ghajn Construction Company Limited kienu dahal f'Joint Venture ghal zvilupp ta' art gewwa Marsascala.

Sussegwentement, wara li zvilluppaw il-proprjetajjiet, il-partijiet ghamlu kuntratt fejn ghaddew ghad-divizjoni bonarja tal-progett.

Xi zmien wara dan, is-socjeta Lay Lay Company Limited skoprit  li s-socjeta L-Ghajn Construction kienet bdiet tibni l-arja ta' bini li kienu bnew flimkien. Lay Lay Co. Ltd. harget mandat ta' inibizzjoni kontra L-Ghajn Construction Company Limited Numru 1107/07/AL billi ppretendiet li l-arja ma kienitx ta' L-Ghajn Construction u l-partijiet ftehemu li jmorru ghall Arbitragg.

Id-dikjarazzjoni li ntalbet issir f'dan l-arbitragg fl-24 ta' Settembru 2008. kienet s-segwenti:

Claimant is seeking a declaration that:

The public deed of the 24th January 2002 does not reflect the previous agreement reached between the parties in so far as concerns the airspaces described in the arbitration agreement and more specifically the airspaces designated A1, C1 and F on the plan marked Document P attached to the mentioned Public Deed and/or

That the parties intended that the said airspaces were to be left in the ownership of the Claimant except for a

horizontal segment of airspaces occupied by the garages assigned to the Claimant and/or

That the parties are bound to enter into the appropriate Deed of Correction as provided by the Public Deed of the 24th January 2002

Together with an order that

The Respondent be ordered to appear on the appropriate Deed of Correction; provided that the Arbitral Tribunal shall have the power to appoint a Notary Public to carry out the correction as well as a curator to appear on the public deed in the interests and on behalf of any contumacious party.

Illi fil-lodo tieghu l-arbitru ddecidieda li:

Mix-xhieda li ngabret, mill-access li sar fuq il-post mertu ta’ dan l-arbitragg, minn affidavits sottomessi, kopji ta’ kuntratti etc, is-sottoskritti waslu ghal konkluzjoni illi ttalbiet tas-socjeta` rikorrenti (il-Lay Lay Company Ltd) ghandhom jigu milqugha kif korretti waqt is-seduta tat-18 ta’ Mejju 2009 (Dok. AM/JEV/8).

Dan it-tribunal arbitrali ghalhekk qed jiddikjarja u jiddeciedi kif gej:

(1) Jiddikjara u jiddeciedi illi l-kuntratt tal-24 ta’ Jannar 2002 ma jirriflettix l-ftehim milhuq mill-partijiet ghal dak li jikkoncerna l-airspaces A 1, C 1 u F fuq il-pjanti Dokument ‘P’ anness mal-istess kuntratt..

(2) Jiddikjara u jiddeciedi illi l-air spaces murija bhala A 1, C 1 u F fuq il-pjanta Dok ‘P’ annessi mal-kuntratt tal-24 ta’ Jannar 2002, ghandhom ikunu kkunsidrati propjeta’ tal-Lay lay Company Limited u dan ghaliex it-trasferiment ta’ dawn l-airspaces A 1, C 1 u F qatt ma kien mahsub meta saret il-permuta tal-24 ta’ Jannar 2002 u lanqas ma kien l-ispirtu tal-joint venture kif miftiehem fl-iskrittura datata 14 ta’ Frar 1997 li saret quddiem in-Nutar Tonio Spiteri.

(3) Jiddikjara u jiddeciedi illi s-socjeta intimata ghandha fi zmien xaghrejn mid-data ta’ din id-decizjoni tidhol f’att korrettorju sabiex il-posizzjoni dwar l-imsemmija air spaces tigi ssanata u jigi ddikjarat, rikonoxxut u niftiehem illi l-imsemmija air spaces jappartjenu lis-socjeta rikorrenti Lay Lay Company Limited.

(4) F’kaz illi s-socjeta intimata ma tersaqx ghall-att korrettorju fi zmien xaghrejn mid-data ta’ din id-decizjoni kif fuq intqal, dan it-tribunal jirriserva illi jaghti decizjoni addizjonali dwar in-nomina ta’ avukat biex jirrapresenta l-eventwali kontumaci fuq l-att korrettorju u dwar in-nomina ta’ nutar ghall-publikazzjoni tal-att publiku.

L-ispejjez u d-drittijiet ta’ dan l-arbitragg ghadhom jigu sopportati mis-socjeta intimata L-Ghajn Construction Company Limited.

Is-socjeta L-Ghajn Construction appellat minn dana l-Lodo. Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) b’sentenza taghha tat-28 ta’ Gunju 2011 irrevokat d-decizjoni arbitrali fl-ismijiet ‘Lay Lay Company Limited vs L-Ghajn Contruction Company Limited’ (Arbitragg Nru. 1658/08) datat 30 ta’ Awwissu 2010, b’dan li minflok cahdet it-talbiet tas-socjeta appellata Lay Lay Company Limited ghaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess sentenza.

Il-Qorti tal-Appell irrevokat id-decizjoni arbitrali billi:

1. Preliminarijament, l-appell huwa fuq punt ta’ ligi u ghalhekk ammissibili billi gew sodisfatti id-disposizzjonijiet tal-artikolu 70(A)(1)(3) u 70B tal-Kap. 387.

2. Fil-mertu ddecidiet li f’dan il-kaz ma kienx hemm lok ghal interpretazzjoni da parti tal-arbitri tal-kuntratt billi d-dicitura tal-kuntratt ta’ permuta tal-24 ta’ Jannar 2002 kienet cara. Il-Qorti qalet li l-istess lodo ma applikax dak li kien jirrizulta li kien car fl-istess kuntratt, u minflok ma qaghadx kif kellu joqghod fuq dak stipulat fl-istess kuntratt, mar ghal dak li huwa indika bhala intenzjoni tal-partijiet, u dan meta kien ovvju li t-talba tas-socjeta

appellata kienet dejjem qed tigi opposta mis-socjeta appellanti, u allura hawn qed nitkellmu mhux fuq intenzjoni komuni tal-partijiet, izda fuq dak li parti wahda hasbet li sar fil-kuntratt.

Il-Qorti kkunsidrat ulterjorment illi:

A. Is-socjeta appellata (Lay Lay) mhux qed tghid li dan il-kliem mhux car, izda qed tghid li l-firmatarju tal-istess kuntratt ghan-nom taghha, u cioe' Michael Axisa, ma fehemx l-istess kuntratt. Izda jekk Michael Axisa ma fehemx x'kien qed jinghad fil-kuntratt huwa ma messux iffirma. Lanqas ma jaghmel sens li pprova jirrimedja haga li damet biex tintalab is-snin.

B. Il-klawzola (fejn tipprovvdi ghal att korrettorju) ma kinitx intiza sabiex tibdel dak li l-partijiet kienu ftehmu dwaru specifikatament fl-istess kuntratt, inkluz it-trasferimenti mertu tal-istess lodo.

C. Fit-tieni kuntratt tad-9 ta' Marzu 2004, bilfors li l-partijiet kienu raw dak li kien sar bejniethom bil-kuntratt tad-24 ta' Jannar 2002, u hlief ghal dak imsemmi fil-kuntratt tad-9 ta' Marzu 2004, ma saritx korrezzjoni. Ma ssemmiet l-ebda proprjeta' ohra, u certament lanqas dik li s-socjeta appellata qed tghid li ma rieditx parti minnha (dik li hija ad infinitum) tigi trasferita lis-socjeta appellanti.

D. Fl-istess lodo gie injorat ukoll l-fatt li l-arja li kienet assenjata lis-socjeta appellanti, mertu ta' dawn il-proceduri, kienet fil-fatt sitwata fuq art li kienet proprjeta' taghha stess u dan kif jirrizulta minn kuntratt datat 7 ta' Ottubru 1995 (Dok. 'CGL3')

E. L-Arbitru lanqas osserva t-termini specifici tad-domandi imposti lilu, izda ddecieda affarijiet ohra u ukoll mar oltre minn dak li kellu jiddeciedi u dan ghaliex apparti l-fatt li dak li gie deciz imur lil' hinn minn dak li gie mitlub jiddeciedi, jinghad ukoll li l-ilment tal-istess socjeta appellata kien immirat ghall-kwezit li tali arja ma kellhiex tigi trasferita 'ad infinitum' u mhux li tali arja ma kellhiex tigi trasferita – u allura semmai il-kontestazzjoni kienet

dwar l-estensjoni ta’ tali trasferiment u mhux tat-trasferiment in intier.

Lay Lay Company permezz ta’ rikors pprezentat fis-27 ta’ Settembru 2011 talbet ir-ritrattazzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri moghtija wara l-lodo arbitrali billi hassitha aggravata bis-sentenza msemmija abbazi tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 fis-subartikoli (d) (e) (f) (g) u (l).

Is-socjeta L-Ghajn Construction wiegbet li t-talba tas-socjeta Lay Lay Company hija legalment insostenibbili billi r-ragunijiet ghat-talba ta’ ritrattazzjoni ma jinkwadrawx taht l-ebda wahda mill-kazijiet elenkati taht l-artikolu 811 tal Kap. 12 u ghalhekk it-talba ghandha tigi michuda. Hi tghid li mir-rikors tas-socjeta Lay Lay Company Limited jirrizulta li hija qed tipprova tisserva b’din ir-ritrattazzjoni biex tohloq appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

Is-socjeta L-Ghajn Construction tissenjala li kuntrarjament ghal dak ipprovvdut mill-artikolu 816 tal-Kap. 12 mhumiex cari il-fatti li fuqhom is-socjeta Lay Lay qed tibbaza r-ragunijiet taghha ghar-ritrattazzjoni.

**Nuqqas ta’ kjarezza fit-talba ghal ritrattazzjoni**

Kwantu ghas-sottomissjoni ta’ L-Ghajn Construction li l-fatti li fuqhom is-socjeta Lay Lay qed tibbaza r-ragunijiet taghha ghar-ritrattazzjoni mhumiex cari, jidher car mir-risposta taghha li fil-fatt hija ma sabitx diffikolta’ biex tidentifika dawk ir-ragunijiet u elenkathom wahda wara l-ohra u wegbithom.

Kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Carmelo Bonnici vs Eucharistico Zammit** deciza fl-20 ta’ Jannar 1986:
‘l-oggett u r-raguni gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero’ li kwalunkwe nuqqas da parti tal-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost tal-artikolu 155(1) (illum 156) tal-Kodici ta’ Procedura u ghalhekk igib mieghu n-nullita’ tac-citazzjoni. Infatti, biex citazzjoni tigi

mwaqqa' irid ikun hemm raguni gravi u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx deficjenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi ppregudikat fid-difiza tieghu'.

Ghalhekk dina l-pregudizzjali ghandha tigi michuda.

**L-istatut ta' ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali (gurisprudenza)**

L-istatut ta' ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali inkwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li 'res judicata pro veritate habetur'. Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-remedju tant straordinarju ghandu dejjem jigi ristrett ghall-kazi kontemplati fil-ligi u li tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi. Fis-sentenza moghtija fis-26 ta' April, 1993, minn din il-Qorti, kif dak inhar komposta, fil-kawza **Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et** gie osservat li:
'L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba. L-organizzazzjoni ta' l-ordni gudizzjarju fl-istruttura taghha hija ta' zewg gradi – prim'istanza u appell – mentri r-ritrattazzjoni tintroduci ttielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu issopravvenew, basta li f'ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunux dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min jitlob ir- Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerga jiftah il-kawza, u hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza (Koll Vol. XLIII – I – 227) haga li mhux permessa mill-ligi' ritrattazzjoni'.

Din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Marzu, 1992 fil-kawza **Mark Causon vs Carmel Portelli noe et**, b'rispett lejn il-principji hawn fuq enuncjati osservat li:
'Il-gurisprudenza taghna konstantement irriteniet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li

l-gudikat jikkostitwixxi ligi bejn i-lkontendenti, u dan indipendentement mill-fatt jekk dak ilgudikat jirrispekkjax kompletament il-verita’ jew ilgustizzja. Il-guristi Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima res judicata pro veritate habetur … Minn dak li ntqal isegwi li r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huma ta’ interpretazzjoni strettissima (Koll. Vol. XXVII – I – 818).

Ir-rittrand qed jitlob li l-appell jinstema’ mill-gid, wara li tithassar is-sentenza attakkata, abbazi tal-artikoli 811(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**811(d) jekk is-sentenza tkun ġiet mogħtija minn qorti nkompetenti minħabba n-nuqqas ta’ ġurisdizzjoni kif imsemmi fl-artikolu 741(a), basta li qabel ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża l-eċċezzjoni tal-inkompetenza**

Illi skont ir-ritrattand l-analizi li kellha ssir fl-arbitragg kienet semplicement kwistjoni ta’ fatt u mhux ta’ ligi. L-arbitru kellu biss iqabbel iz-zewg dokumenti (l-att pubbliku u l-iskrittura msemmija fl-att pubbliku) biex jara jekk kienx hemm qbil. Ghalhekk il-ftehim arbitrali ma kien jirrikjedi ebda interpretazzjoni. Il-kompitu tal-Qorti tal-Appell ma kienx li jbiddel is-sejbiet ta’ fatt tal-arbitri u lanqas li jbiddel il-parametri li fuqu kienu saru l-proceduri. Il-Qorti tal-Appell naqset milli taghti risposta ghall-ewwel talba dwar jekk fil-fatt iz-zewg deskrizzjonijiet kinux kontrastanti.

Ir-ritrattati wiegbu li  mhux car kif dana l-artikolu jinkwadra fil-fattispecie ta’ dan il-kaz. Imkien fir-rikors ma hemm spjegazzjoni jew argument wiehed in sostenn ta’ din it-talba. Inoltre l-punt ta’ inkompetenza tal-Qorti tal-Appell qatt ma giet sollevata qabel mis-socjeta Lay Lay.

Jigi rilevat  li waqt li quddiem il-Qorti tal-Appell Inferjuri s-socjeta Lay Lay kienet qed issostni li kien hemm punt ta’ dritt involut li jaghti lok ghall-appell, is-socjeta L-Ghajn Contruction kienet qed issostni li ma kien hemm ebda punt ta’ dritt imma punt ta’ fatt biss. Dik l-eccezzjoni kienet giet michuda. F’din ir-ritrattazzjoni invece is-socjeta Lay Lay issa qed tghid li ma kien hemm ebda punt ta’ dritt li

kellu jigi deciz quddiem il-Qorti tal-Appell Inferjuri imma biss sejbiet ta’ fatt u mhux interpretazzjoni.

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri ddecidiet li l-kompetenza taghha tohrog mill-artikolu 70A tal-Kap. 387 u sabet li f’dak il-kaz kien hemm punt ta’ dritt x’ jigi risolut dwar interpretazzjoni tal-kuntratt u ghalhekk kellha kompetenza.
Ir-ritrattand ghalhekk ma jistax jibbaza t-talba tieghu taht dan is-sub-inciz (d) billi kien huwa stess li sostna quddiem il-Qorti tal-Appell Inferjuri li hija kellha gurisdizzjoni li tisma’ l-appell tieghu billi kien jinvolvi punt ta’ dritt.

**811(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin; għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni**

Illi, dan premess u precizat, japplika ghall-kaz odjern dak illi qalet dina l-Qorti, diversament komposta, fis-segwenti silta mis-sentenza taghha tat-tlieta (3) ta’ Gunju, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Reginald Micallet et noe. vs. Godwin Abela et noe** ghar-rigward tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12:
‘… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b’mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-rittrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b’mod hazin’. (Ara **AIC Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**, App 17/2/2003; Appell

5 ta’ Ottubru 2001 fl-ismijiet **Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D.**, App. 27/3/2003; **Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri**, App. 2/6/2003; u **Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et**, App. 10/10/2003).

Ir-ritrattand isostni li l-Qorti tal-Appell applikat il-ligi hazin billi ma tatx effett ghad-disposizzjonijiet tal-kuntratt bejn il-partijiet, liema kuntratt ghandu effett ta’ ligi.

Ir-ritrattati wiegbu li mir-rikors tas-socjeta Lay Lay Company Limited minn imkien ma jirrizulta liema hi l-ligi li allegatament kellha tigi applikata.

Illi skont ritrattand il-ligi li kellha tapplika kienet ‘il-kuntratt’ li sar bejn il-partijiet, billi dana ghandu effett ta’ ligi. Illi fil-fatt pero jirrizulta li l-Qorti tal-Appell Inferjuri huwa proprju dan li ghamlet u applikat dak li ftehmu bejnithom il-partijiet billi qalet li dak li kien fih il-kuntratt kien car u kellu japplika. Il-Qorti tal-Appell ma applikat ebda ligi ohra ghall-kaz. Ma tqum l-ebda applikazzjoni hazina tal-ligi meta ikun hemm kwistjoni dwar interpretazzjoni ta’ kuntratt. Ir-ritrattazzjoni hija eskluza appuntu f’kaz fejn il-kwistjoni tkun dwar in terpretazzjoni ta’ ligi (kuntratt) li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni. Inoltre l-Qorti ddecidiet biss fuq il-fatti li gew stabbiliti fl-arbitragg.

Ghalhekk anki dan l-ilment qed jigi respint.

**811(f) jekk is-sentenza tkun ġiet mogħtija fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba**
**(g) jekk bis-sentenza jkun ġie mogħti iżjed minn dak li ntalab**

Il-motivi ghar-ritrattazzoni ai termini ta’ dawn iz-zewg sub-artikoli huma simili u ghalhekk ser jigu kunsidrati flimkiem wahda hija extra petita u l-ohra ultra petita.

F’dan il-kaz il-mertu kien l-interpretazzjoni tal-kuntratt ta’ permuta illi kien sar bejn il-partijiet  li gie ppubblikat min-Nutar B. Micallef fil- 24 ta’ Jannar 2002. Il-problema li kienet inqghalet bejn il-partijiet kienet li ma kinux qed

jaqblu dwar dak li gie dikjarat fil-kuntratt u dak li kienu ftehemu bejnithom il-partijiet fil-ftehim tal-14 ta' Frar 1997 quddiem in-Nutar Tonio Spiteri u x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet.

Illi skont il-kuntratt Lay lay Company Limited kienet ittrasferiet fost ohrajn tlett bicciet art lis-socjeta L-Ghajn Construction bl-arja taghhom ad infinitum u tlett snin wara li gie ppubblikat l-imsemmi kuntratt  Lay Lay Company Limited bdiet tallega li ma kinitx l-intenzjoni taghha li tittrasferixxi l-arja tal-artijiet imsemmija u li l-inkluzzjoni tal-kliem ' il-fuq ad infinitum' sar bi zball. Lay Lay Company Limited issostni li l-kuntratt tas-sena 2002 ma jirriflettiex l-ftehim li kien sar quddiem in-Nutar Tonio Spiteri fl-14 ta' Frar 1997.

Ai termini tal-artikolu  811(f) u  (g) tista' tintalab ritrattazzjoni jekk is-sentenza tkun giet moghtija fuq haga mhux mdahhla fit-talba (extra petita)  jew jekk bis-sentenza jkun gie moghti izjed minn dak li ntalab (ultra petita).

Kif qalet il-Qorti ta' Appell, tat-12 ta' Lulju, 1965 fl-ismijiet **Joseph Gatt -vs- Joseph Galea**:

'F'okkazjonijiet ohra din il-Qorti ssenjalat il-principju maghruf illi l-Imhallef Civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenzi f'kawzi joqghod rigorozament fl-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi, waqt li hu obbligat li jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, a meno che non si tratta minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat li jirrileva ex officio.'

Fis-sentenza fl-ismijiet **Melita Cable plc vs Awtorita` ta' Malta Dwar il-Komunikazzjoni**, Appell Civili (Inferjuri), 13 ta' Frar, 2009, il-Qorti, wara li ghamlet referenza ghad-decizjoni hawn fuq imsemmija qalet illi:

'Jinzel minn din l-enuncjazzjoni illi jinkorri f'vizzju ta' ultra petizzjoni dak il-gudikant li jippronunzja ruhu oltre l-limiti tal-pretensjonijiet jew ta' l-eccezzjonijiet imressqa mill-partijiet, ossija fuq materja estraneja ghall-oggett tal-gudizzju, li ma jkunx ukoll rilevabbli ex officio. Wisq ragonevolment, dan ma jfissirx illi l-gudikant hu b'xi mod ristrett milli jindividwa n-natura ezatta ta' l-azzjoni jew li jqieghed ghab-bazi tal-pronuncjament tieghu konsiderazzjonijiet ta' dritt diversi minn dawk prospettati mill-partijiet, u anke mill-inizzjattiva taghhom, ghax tali fakulta` taqa' fl-attribuzzjonijiet tieghu. Jinghad, di fatti, fost it-taghlim tal-Mattirolo illi 'non pecca di ultra petita la sentenza la quale accogliendo la conclusione di una delle parti aggiunge a sostegno di essa dei motivi in diritto che non furono fatti valere dalla parte medesima, o dei motivi in fatto che emergono dagli atti della causa'. ('**Marchese Riccardo Cassar Desain nomine -vs- Giovanni Spiteri'**, Appell Civili, 25 ta' Novembru, 1927). Naturalment, dan salv dejjem li l-gudikant jibqa' fl-argini ta' dak lilu domandat jew eccepit'.

Il-Qorti ghalhekk f'dan il-kaz trid tezamina jekk l-atti tal-kawza migjuba in sostenn tal-azzjoni u tal-eccezzjonijiet, il-konkluzzjonijiet ifformulati mill-partijiet meta kkonfrontati mad-dispositiv tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell imorrux ultra jew extra petita.

F'din il-kawza, il-Qorti tal-Appell iddecidiet li l-kliem uzat fil-kuntratt tal-24 ta' Jannar 2002 kien car u ma kien jehtieg ebda interpretazzjoni. Hija qaghdet fuq il-fatti kif stabbiliti u rrisolviet il-punt in kontestazzjoni. Il-Qorti tal-Appell wara tat ir-ragunijiet taghha, iddecidiet li kien jidher car minn qari oggettiv tal-kuntratt li l-arja kienet giet trasferita bil-kuntratt tat- 2002. Issir hawn referenza ghar-ragunijiet kollha imsemmija mill-Qorti tal-Appell kif fuq riportati li mhux ser jigu ripetuti.

Dan l-ilment ukoll qed jigi respint.

**811(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża**

**Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza**

Ghar-rigward tat-talba bazata fuq zball ta' fatt intqal fil-kawza **Mifsud vs Zahra**'deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Gunju, 1954 (Vol. XXXVIII.I.323):

'Illi mill-ezami ta' l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi jirrizulta illi, biex l-izball ta' fatt jaghti kawza ghar-revokazzjoni tas-sentenza, jehtieg, kif jikteb Mattirolo Vol.IV, Pag 825):–

(1) Illi l-izball ikun zball materjali ta' fatt, u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;
(2) Illi l-izball jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball;
(3) Illi l-istess zball ikun manifest, tali, cioe', li jimergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u d-dokumenti tal-kawza; b'mod li jkun jidher prodott eskluzivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant;
(4) Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant; jigifieri illi l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza, u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizjata minn zball ta' fatt manifest tkun tista tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata; u
(5) Illi l-ezistenza jew inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta kontoversja jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet, u li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat.

Fil-kawza **Borg vs Borg**, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' April, 1998, inghad b'approvazzjoni tat-taghlim ta' **Mortara** illi:
'l'errore di fatto e' un vero errore dei sensi; il magistrato ha creduto di vedere negli atti quel che non esiste o ha

fondato la sua convinzione sul presupposto della inesistenza di quel che avrebbe subito veduto se avesse esercitato gli occhi del corpo e dell'intelletto sulle carte del processo'.

Fil-kawza **Cassar vs Azzopardi**, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' April, 1996, inghad, b'approvazzjoni tat-teorija ta' **Galdi**, illi:

'Il guidice ha il debito di giudicare secundum allegata et probata e percio' l'errore gli e' imputabile e vizia la sentenza quando risulta dagli atti che gli sono stati presentati. Ma il guidice non ha l'obbligo di indovinare il contenuto di documenti o atti che non furono legalment sottoposti ai suoi riguardi'.

Skond ir-ritrattand il-Qorti tal-Appell ghamlet analizi fattwali li ma kinitx intitolata li taghmel meta qalet li l-arja li giet trasferita kienet sitwata fuq art ta' L-Ghajn Construction dan ghaliex din il-kwistjoni ta' fatt kienet gja giet stabbilita mod iehor mill-arbitru.

Is-socjeta ritrattata tissottometti li ma jirrizultax li kien hemm ebda zball li ta' lok biex is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tigi ritrattata that dan is-subartikolu. Minghajr ma l-Qorti tidhol fil-mertu tal-kwistjoni u anki jekk ghal grazzja tal-argument jinghad illi dan l-apprezzment ta' fatt kien frott zball maghmul mill-Qorti, pero mehud wahdu ma kienx determinanti ghad-decizjoni tal-vertenza. Dan il-fatt kif mifhum mill-Qorti tal-Appell intuza bhala wiehed mill-kunsiderazzjonijiet fid-decizjoni taghha izda ma kienx wahdu determinanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza u anqas ma kien wiehed principali billi qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, dik il-Qorti waslet principalment ghas-soluzzjoni taghha fuq l-interpretazzjoni tal-kliem uzat fil-kuntratt u l-applikazzjoni ta' dak il-kliem uzat f'ghajnejn il-ligi. Fil-fatt il-maggorparti tas-sentenza u kazistika msemmija kienet mibnija fuq l-interpretazzjoni tal-kuntratt u fatti varji li waslu lil Qorti tal-Appell tikkonkludi kif fil-fatt ikkonkludiet. Il-konsiderazzjoni tal-Qorti dwar il-proprjeta tal-arja (fol. 44 tas-sentenza ritrattata) kien biss wahda minn hames konsiderazzjonijiet ohra (ara fol. ta' din is-sentenza) u

certament mhix dik principali tant li l-istess Qorti tirreferi ghal dan il-punt bhala ’fl-ahharnett’.

Ghalhekk anki dan l-ilment qed jigi respint.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta L-Ghajn Construction Company Limited u tichad it-talba ta’ rikorenti biex thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-28 ta’ Gunju 2011.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------